**MINUTI**

**KAMRA TAD-DEPUTATI**

**L-ERBATAX-IL PARLAMENT**

**SEDUTA NRU 62**

It-Tlieta, 29 ta' Novembru 2022

Il-Kamra tad-Deputati ltaqgħet fis-Sala tal-Parlament, il-Belt Valletta fl-4.01 p.m.

L-Ispeaker l-Onor. Anġlu Farrugia ppreseda.

## ATTENDENZA

Il-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali l-Onor. Owen Bonnici, il-Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur l-Onor. Julia Farrugia Portelli, il-Ministru għat-Turiżmu l-Onor. Clayton Bartolo u s-Segretarju Parlamentari għall-Gvern Lokali l-Onor. Alison Zerafa Civelli kienu msiefra fuq xogħol tal-Gvern.

L-Onor. David Agius, l-Onor. Randolph De Battista, l-Onor. Katya De Giovanni u l-Onor. Justin Schembri kienu msiefra fuq xogħol parlamentari.

L-Onor. Carmelo Abela*, l-Onor. Romilda Baldacchino Zarb, l-Onor. Ryan Callus, l-Onor. Chris Said u l-Onor. Julie Zahra kienu skużati.

Il-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża l-Onor. Miriam Dalli, ~~l-Onor. Carmelo Abela~~*, l-Omar Farrugia u l-Onor. Edward Zammit Lewis kienu assenti.

**vide minuti tas-seduta 72 tat-Tnejn 9 ta' Jannar 2023*

## TALBA

L-Aġent Skrivan tal-Kamra qalet it-talba.

## MINUTI

Il-Minuti tas-Seduta Nru 61 li saret fit-28 ta' Novembru 2022 kienu kkonfermati.

## KUNSENS GĦALL-ATTI

L-Ispeaker informa lill-Kamra li l-President ta' Malta għoġbu jagħti l-kunsens tiegħu għal:

**Att Nru XVII tal-2022** – Att tal-2022 li jemenda l-Att dwar il-Konservazzjoni u l-Amministrazzjoni tas-Sajd.

## INFORMAZZJONI MIS-SEDJA

L-Ispeaker qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 969 Rapport maħruġ mill-Uffiċċju Nazzjoni tal-Verifika bl-isem *Performance Audit: Care for the Elderly in Gozo* maħruġ mill-Awditur Ġenerali datat Novembru 2022; u

P.L. 970 Rapport maħruġ mill-Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti Ewlieni fi ħdan l-Uffiċċju tal-Prim Ministru bl-isem *Governance Action on the NAO's Annual Report on Public Accounts 2020 and other NAO Reports 2021* datat Novembru 2022.

**MISTOQSIJIET**

Mistoqsijiet ġew magħmula u mogħtija tweġiba.

Fl-4.30 p.m. l-aħħar mistoqsija kienet in-numru 3330 u l-mistoqsijiet l-oħra kollha li dehru fuq l-aġenda ngħataw tweġiba bil-miktub.

**TQEGĦID TA' KARTI**

Il-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol, l-Onor. Clyde Caruana, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 971 Tagħrif dwar il-kwalifiki akkademiċi li għandhom is-CEOs u Chairpersons tal-Bordijiet impjegati fid-dekasteru li għalih hu responsabbli l-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 3521;

P.L. 972 Avviż Legali Nru 311 tal-2022 – Regoli tal-2022 li jemendaw ir-Regoli dwar Eżenzjoni mit-Taxxa fuq Trasferimenti ta' Proprjetà (Tpaċija ta' Arretrati ta' Taxxa);

P.L. 973 Avviż Legali Nru 312 tal-2022 – Malta Financial Services Authority Act (Indices used as benchmarks in financial instruments and financial contracts or to measure the performance of investment funds) (Amendment) Regulations, 2022;

P.L. 974 Avviż Legali Nru 313 tal-2022 – Insurance Business (Exemptions) (Amendment) Regulations, 2022;

P.L. 975 Avviż Legali Nru 314 tal-2022 – Regolamenti tal-2022 li jemendaw ir-Regolamenti dwar l-Att dwar il-Bank Ċentrali ta' Malta (Ħatra ta' Awtorità Responsabbli biex timplimenta Strumenti Makroprudenzjali);

P.L. 976 Avviż Legali Nru 315 tal-2022 – Regolamenti tal-2022 dwar l-Att dwar il-Bank Ċentrali ta' Malta (Ħatra ta' Awtorità Nazzjonali Rilevanti dwar Parametri Referenzjarji); u

P.L. 977 Avviż Legali Nru 316 tal-2022 – Ordni tal-2022 dwar Dikjarazzjoni ta' Vaganzi tal-Banek;

f'isem id-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa qiegħed fuq il-Mejda tal Kamra:

P.L. 978 Tagħrif dwar il-kwalifiki akkademiċi li għandhom is-CEOs u Chairpersons tal-Bordijiet impjegati fid-dekasteru li għalih hu responsabbli l-Ministru għas-Saħħa, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 3522;

f'isem il-Ministru għat-Turiżmu qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 979 Żewġ site plans tal-Blue Lagoon ġewwa Kemmuna, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 4264;

f'isem il-Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 980 Tabella li turi n-numru ta' spezzjonijiet li saru mill-Awtorità tal-Artijiet fuq imwejjed u siġġijiet maqsuma skont il-lokalità fil-perjodu bejn Ġunju u Ottubru 2022, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 4260; u

f'isem il-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 981 Statistika li turi l-livelli ta' Benzene u Nitrogen Dioxide concentrations fl-arja għat-tnax-il sit f'Għawdex maqsuma skont il-lokalità fil-perjodu bejn l-2017 u l-2021, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 3912.

**FTEHIM TAL-KAMRA**

Skont ftehim milħuq, l-Onor. Andy Ellul, Whip tal-Gvern, informa lill-Kamra li kienet se tinżamm seduta nhar l-Erbgħa 30 ta' Novembru 2022 fid-9.30 a.m. biex tiġi diskussa l-Mozzjoni 85 imressqa mill-Oppożizzjoni - Mozzjoni biex temenda l-Avviż Legali 201 tal-2022 - Regolamenti tal-2022 dwar il-Bilanċ bejn ix-Xogħol u l-Ħajja privata għall-Ġenturi u għall-Persuni li jindukraw.

Din is-seduta tkun mingħajr mistoqsijiet parlamentari u l-ħin tal-aġġornament ma jitteħidx.

L-Onor. Robert Cutajar, Whip tal-Oppożizzjoni, ikkonferma dan il-ftehim min-naħa tal-Oppożizzjoni.

**ORDNIJIET TAL-ĠURNATA**

L-Aġent Skrivan tal-Kamra qrat l-Ordnijiet tal-Ġurnata.

**1. ABBOZZ TA' LIĠI LI JEMENDA L-KODIĊI KRIMINALI (EMENDA NUMRU 3) – ABBOZZ NRU 28**

Il-Kamra rriżumiet mit-28 ta' Novembru 2022 id-diskussjoni fuq it-Tieni Qari tal-Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att sabiex ikompli jemenda l-Kodiċi Kriminali, Kap. 9".

Fid-diskussjoni ħadu sehem l-Onor. Malcolm Paul Agius Galea, l-Onor. Glenn Bedingfield, l-Onor. Rosianne Cutajar u l-Onor. Robert Abela għan-naħa tal-Gvern, u l-Onor. Stephen Spiteri, l-Onor. Mark Anthony Sammut, l-Onor. Adrian Delia, l-Onor. Ivan J. Bartolo u l-Onor. Claudette Buttigieg għan-naħa tal-Oppożizzjoni.

Il-Prim Ministru, l-Onor. Robert Abela, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 982 Messaġġ Whatsapp bi screenshot minn artiklu li deher fuq l-online portal ta' NetNews fid-29 ta' Novembru 2022.

L-Ispeaker informa l-Kamra li kien hemm qbil li l-ħin miżjud li ttieħed mill-Prim Ministru għad-diskors tiegħu kellu jiżdied mal-ħin tal-interruzzjoni tax-xogħol u jitnaqqas mill-ħin tal-aġġornament li dakinhar kien imiss lin-naħa tal-Gvern.

Bil-permess tal-Kamra, l-Onor. Claudette Buttigieg, qiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra:

| | |
|---|---|
| P.L. 983 | Artiklu mill-Prof. Kevin Aquilina li deher fuq il-gazzetta *The Malta Independent* tad-29 ta' Novembru 2022 bl-isem 'Legalising abortion by stealth'. |

Skont ftehim milħuq, fis-7.11 p.m. id-diskussjoni kienet interrotta u baqgħet aġġornata.

## AĠĠORNAMENT

Fis-7.11 p.m., is-Segretarju Parlamentari għad-Djalogu Soċjali l-Onor. Andy Ellul, ippropona l-aġġornament tal-Kamra għall-Erbgħa, 30 ta' Novembru 2022 fid-9.30 a.m., b'din l-aġenda:

**Mozzjonijiet**

Mozzjoni mill-Oppożizzjoni biex temenda l-Avviż Legali 201 tal-2022 - Regolamenti tal-2022 dwar il-Bilanċ bejn ix-Xogħol u l-Ħajja privata għall-Ġenituri u għall-Persuni li jindukraw

**Ordnijiet tal-Ġurnata**

| | |
|---|---|
| Abbozz ta' Liġi li jkompli jemenda l-Kodiċi Kriminali | Tieni Qari (Kont.) |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Protezzjoni Internazzjonali | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Kummissarji għall-Ġustizzja | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar id-Dħul ta' Malta bħala membru tal-Fond Monetarju Internazzjonali | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att kontra l-Money Laundering | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi dwar it-Twaqqif ta' Kumitat għar-Rakkomandazzjonijiet ta' Miżuri għall-Ħarsien ta' Ġurnalisti, Persuni oħra b'irwol fil-Midja u Persuni fil-Ħajja Pubblika | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kostituzzjoni ta' Malta | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda Diversi Liġijiet dwar il-Protezzjoni tal-Midja u tal-Ġurnalisti | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi dwar il-Monitoraġġ Elettroniku | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jimplimenta Miżuri tal-Estimi | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Ċivili | Tieni Qari |

| | |
|---|---|
| Abbozz ta’ Liġi li jemenda l-Ippjanar tal-Iżvilupp | Tieni Qari |
| Abbozz ta’ Liġi li jemenda l-Att dwar it-Tiġdid ta’ Kiri tar-Raba’ | Tielet Qari |
| Abbozz ta’ Liġi li jemenda l-Att dwar il-Professjonijiet tas-Saħħa | Tielet Qari |

Estimi Ġenerali 2023 - Kumitat ta’ Provvista
- Votazzjonijiet fuq l-emendi u r-riżoluzzjonijiet imressqa taħt kull Ministeru
- Approprjazzjoni għas-sena 2023 u Tieni Approprjazzjoni għas-sena 2022

-----

| | |
|---|---|
| Abbozz ta’ Liġi li jemenda l-Kodiċi tal-Kummerċ | Kumitat Permanenti |
| Abbozz ta’ Liġi ta’ Qabel l-Insolvenza | Kumitat Permanenti |
| Abbozz ta’ Liġi dwar il-Prattikanti fl-Insolvenza | Kumitat Permanenti |

Huwa nforma wkoll li skont ftehim milħuq din is-seduta tkun mingħajr mistoqsijiet parlamentari, u l-ħin tal-aġġornament ma jitteħidx.

Il-ħin tal-aġġornament ittieħed min-naħa tal-Gvern mill-Onor. Ray Abela.

Fis-7.32 p.m. l-Ispeaker, avża li l-Kamra ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa, 30 ta’ Novembru 2022 fid-9.30 a.m. kif komunikat mis-Segretarju Parlamentari għad-Djalogu Soċjali.

**RAYMOND SCICLUNA**
**SKRIVAN TAL-KAMRA**

**KONFERMATI**

**ONOR. ANĠLU FARRUGIA**
**SPEAKER**